

Brussell, 1 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9823/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2015/0278 (COD)**

**SOC 447
MI 465
ANTIDISCRIM 30
AUDIO 79
CODEC 944**

RAPPORT

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9483/1/17 REV 1 SOC 414 MI 438 ANTIDISCRIM 28 AUDIO 70 CODEC 875
Nru dok. Cion:	14799/15 SOC 700 MI 770 ANTIDISCRIM 15 AUDIO 34 CODEC 1774 + ADD 1 - ADD 3 - COM(2015) 615 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL- KUNSILL dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad- dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta għal Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità (EAA) li ladarba jiġi adottat, jagħmel diversi prodotti u servizzi fl-Unjoni Ewropea (UE) aktar aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Matul id-diskussjonijiet, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak politiku, id-delegazzjonijiet esprimew appoġġ ġenerali għall-għan ta' din il-proposta. L-EAA propost ġie identifikat ukoll fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE bħala wieħed mill-fajls li fuqu l-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jagħmlu progress malajr u, fejn possibbli, ilestu l-ħidma qabel tmiem l-2017.

Il-Presidenza Maltija investiet ħafna riżorsi biex il-ħidma dwar l-EAA timxi 'l quddiem, fosthom diskussjoni sostanzjali dwar il-fajl fil-Coreper. B'kollox, il-Grupp ta' Ħidma ddedika sebat ijiem ta' laqgħat għall-fajl matul is-semestru.

Id-delegazzjonijiet kollha żammew riżervi ta' skrutinju ġenerali dwar il-proposta kollha kemm hi. Id-delegazzjoni Daniża, Maltija u dik tar-Renju Unit għandhom riżervi ta' skrutinju parlamentari.

Sadanittant, il-Parlament Ewropew eżamina l-fajl fil-livell tal-Kumitat, iżda għadu m'adottax l-Opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja.¹

II. L-APPROĊĊ TAL-PRESIDENZA MALTIJA

Fi tmien l-2016, il-proposta tal-Kummissjoni kienet ġiet diskussa fit-tul taħt żewġ Presidenzi, iżda l-Kunsill kien għadu ma spjegax l-approċċ tiegħu. Sabiex jiċċaraw is-sitwazzjoni, il-Presidenza Maltija u dik Slovakkja bagħtu kwestjonarju estensiv lid-delegazzjonijiet f'Diċembru 2016².

It-tweġibiet tad-delegazzjonijiet taw stampa aktar ċara tat-tħassib tagħhom, inkluż rigward l-istruttura tal-proposta, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, ir-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà li hemm fl-Anness I; u l-piż amministrattiv u finanzjarju li l-EAA tista' tpoġġi fuq l-awtoritajiet u l-operaturi ekonomiċi (inkluż l-SMEs). B'mod partikolari, bosta delegazzjonijiet qiesu li strumenti oħra tal-Unjoni (pereżempju l-fondi tal-UE u l-akkwist pubbliku) li fihom kien hemm diġà l-obbligi ta' aċċessibbiltà (ara l-Artikolu 1(3) tal-proposta) ma għandhomx jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EAA.

¹ Ir-relatur għall-Kumitat ewlieni (IMCO) huwa Morten LØKKEGAARD (DK/ALDE). Ir-relatur għall-Kumitat EMPL huwa Adám KÓSA (HU/PPE).

² Dok. 15480/16.

Abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju u d-diskussjonijiet sussegwenti tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza Maltija ħejjiet diversi settijiet suċċessivi ta' suġġerimenti ta' abbozzar. Barra minn hekk il-Coreper intalab jagħti gwida politika dwar l-istruttura u l-kamp ta' applikazzjoni, kif ukoll dwar l-inklużjoni possibbli ta' markar speċifiku ta' aċċessibbiltà fid-Direttiva³.

Il-Presidenza nnotat b'sodisfazzjon li d-diskussjoni tal-Coreper tat gwida ċara lill-Grupp ta' Ħidma, kif ġej:

- l-EAA għandu jikkonċentra fuq ċerti prodotti u servizzi magħżula;
- obbligi marbuta mal-istrumenti l-oħra tal-Unjoni msemmija fil-proposta (pereżempju l-fondi tal-UE u l-akkwist pubbliku) li diġà jinkludu obbligi ta' aċċessibbiltà għandhom jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-EAA;
- l-istruttura tal-EAA għandha tibqa' kif proposta mill-Kummissjoni (il-Qafas Leġislattiv Ġdid (NLF) u l-miżuri għas-sorveljanza tas-suq skont ir-Regolament (KE) 765/2008 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fl-EAA), billi din l-istruttura tista' tintuża fil-każ ta' tipi differenti ta' riskji tal-prodotti;
- għas-settur awdjoviżiv, ikun importanti li jiġi ċċarat liema aspetti għandhom jiġu inklużi fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMS) u liema fl-EAA;
- l-ambjent mibni għandu jitħalla barra mid-Direttiva, billi Direttiva m'għandhiex tinkludi rakkomandazzjonijiet jew dispożizzjonijiet volontarji;
- billi bosta delegazzjonijiet beżgħu li l-introduzzjoni tal-markar speċifiku ta' aċċessibbiltà li għandu jintuża fuq il-prodotti konformi jista' johlqo piżijiet amministrattivi, ma jkunx utli li dan il-markar jiġi inkluż fl-EAA.

³ Dok. 6744/1/17 REV 1

III. BIDLJET EWLENIN MILL-PRESIDENZA MALTIJA

F'dak li għandu x'jaqsam ma' setturi, prodotti, servizzi, rekwiżiti speċifiċi ta' aċċessibbiltà u elementi oħra tal-abbozz ta' Direttiva, dawn li ġejjin huma l-aktar bidliet importanti li saru mill-Presidenza.⁴

Il-kamp ta' applikazzjoni għall-**prodotti koperti bl-EAA** (Artikolu 1(1)) kompli jiġi ċċarat. Ġeneralment, din il-parti tat-test ma ġietx ikkunsidrata bħala kontroversjali, iżda żdiedu dawn il-kjarifiki: it-terminals self-service koperti huma daww *iddedikati għal servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva* (bħall-magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus għas-servizzi bankarji u l-magni għaċ-check-in ta' passiġġieri għas-servizzi ta' trasport). Barra minn hekk, żdiedu l-*qarrejja elettroniċi* fil-kamp ta' applikazzjoni.

Saru għadd ta' kjarifiki għad-dispożizzjonijiet dwar **is-servizzi koperti bl-EAA** (l-Artikolu 1(2)). B'mod ġenerali, il-lista ta' servizzi baqgħet kif kienet; il-kamp ta' applikazzjoni jkopri s-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, is-servizzi li jipprovdu aċċess għal servizzi ta' media awdjoviżiva, ċerti elementi ta' servizzi għat-trasport ta' passiġġieri, is-servizzi għall-konsumaturi tal-banek, il-kotba elettroniċi, u l-kummerċ-e. Is-servizzi ta' reazzjoni għall-komunikazzjonijiet ta' emerġenza u għall-immaniġġar tagħhom ġew miżjuda mal-kamp ta' applikazzjoni. Madankollu, ġie ċċarat li s-servizzi għandhom *jigū pprovdu lill-konsumaturi*. Billi ħafna mis-servizzi inklużi fil-proposta għal EAA huma diġà rregolati fil-livell tal-Unjoni, huwa importanti li kwalunkwe rabta bejn l-EAA u leġislazzjoni settorjali oħra tkun ċara u tibqa' valida fil-futur fit-test tal-EAA; għalhekk, il-Presidenza għamlet aktar emendi f'dan ir-rigward. Emendi għat-test tal-Artikolu 1(2) qajmu l-ħtieġa għal aktar emendi għad-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 u fil-premessi.

Wara l-aktar laqgħa reċenti tal-Grupp ta' Ħidma fil-15/16 ta' Mejju, il-Presidenza kompliet tinfina l-formulazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward tal-elementi li ġejjin: “terminals self-service interattivi” fil-kuntest tal-għoti ta' servizzi (Artikolu 1(1)(b) (iv)), “servizzi ta' telekomunikazzjoni elettronika” (Artikolu 1(2)(a)), “terminals self-service” fil-kuntest ta' servizzi tat-trasport (Artikolu 1(2)(c) (iii)), kotba elettroniċi (Artikolu 1(2)(e)) u d-drittijiet tal-awtur (Artikolu 1(4)).

⁴ L-aktar test reċenti tal-Presidenza jinsab fid-dok. 9483/17 ADD 1.

L-Artikolu dwar **il-kamp ta' applikazzjoni** u l-Kapitolu VI (Artikoli 21-23) dwar **ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni** tħassru mit-test, kif ukoll l-Artikoli 21-23 u l-partijiet korrispondenti għalihom fl-Anness I. Wara dan it-tħassir mill-kamp ta' applikazzjoni, ir-referenzi kollha għall-akkwist pubbliku u l-fondi tal-UE tneħħew mit-test tal-EAA.

Għadd ta' **definizzjonijiet ġodda** ġew miżjuda mal-Artikolu 2 (“tagħmir ta' terminals b'kapaċitajiet fl-informatika interattiva għall-konsumaturi, li jintużaw għall-aċċess ta' servizzi tal-media awdjoviżiva”, “komunikazzjoni ta' emerġenza”, “ċentru li jirċievi t-telefonati ta' emerġenza”, “servizz ta' emerġenza”, “intrapriżi żgħar u ta' daqs medju”, “tagħmir ta' terminals għall-konsumaturi”, “kapaċità fl-informatika interattiva”, “qarrejja elettroniċi”, “ħruġ intelliġenti ta' biljetti” u “ħruġ ta' biljetti elettroniċi”). Id-definizzjoni ta' “disinn universali” tħassret mill-Artikolu 2 peress li ma kinitx użata fit-test legiſlattiv innifsu.

Minħabba t-tħassib tal-Istati Membri, il-Presidenza rranġat kompletament l-**Artikolu 3 u l-Anness I li jistipula r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà**. Ir-rekwiżiti ġenerali fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi kollha koperti mid-Direttiva jinsabu fit-Taqsimiet I u III tal-Anness I, rispettivament. It-taqsimiet l-oħra tal-Anness I jirreferu biss għal ċerti prodotti (Taqsimi II) jew servizzi (Taqsimi IV). Din l-istruttura ppermettiet is-simplifikazzjoni tal-Anness I (anqas repetizzjoni) u fl-istess ħin għamlitha possibbli li jiġu previsti rekwiżiti ta' aċċessibbiltà speċifiċi għas-settur jew għall-prodott, kif meħtieġ. Sabiex **jiġu eliminati l-konflitti possibbli bejn l-EAA u l-leġislazzjoni settorjali tal-Unjoni** li diġà tirregola l-aċċessibilità fis-settur tat-trasport, żdiedu kjarifiki fl-Artikoli 1 u 3 (ara b' mod partikolari l-Artikolu 3, il-paragrafi 11 sa 16).

Peress li diversi delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar l-ispejjeż potenzjalment għolja għall-SMEs u l-mikrointrapriżi biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità, il-Presidenza ssuġġeriet li **l-mikrointrapriżi li joffru servizzi** għandhom ikunu eżentati milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-EAA (Artikolu 3(4) (ġdid)).

L-ambjent mibni tneħħa wkoll mill-EAA.

Saru emendi f'kull parti tal-formulazzjonijiet tal-artikoli dwar *l-obbligi għall-operaturi ekonomiċi* fil-kummerċ ta' prodotti (manifatturi, rappreżentanti awtorizzati, importaturi, distributuri fl-Artikoli 5 sa 10) u dwar il-*fornituri ta' servizzi* (Artikolu 11), billi r-referenzi għal “aċċessibbiltà marbuta mar-**riskju**” ġew sostitwiti b’“**nonkonformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli**” eċċ. Saru wkoll emendi f'dan ir-rigward fl-Artikolu 19 dwar *is-sorveljanza tas-suq*. Il-kunċett ta' “rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli” ġie spjegat ukoll.

Fl-Artikolu 12 dwar tibdil fundamentali u piż sproporzjonat, saru żewġ suġġerimenti ta' testi importanti sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-operaturi ekonomiċi. Wara valutazzjoni dwar jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà jimponux piż sproporzjonat, fornituri ta' servizzi li jużaw it-terminals self-service jistgħu jiddeċiedu li *huma biss xi wħud mit-terminals self-service tagħhom* li huma aċċessibbli (paragrafu 3a (ġdid)). Minbarra din il-bidla, l-operaturi ekonomiċi jkunu jeħtieġu biss *li jżommu d-dokumentazzjoni rikjesta għal perijodu ta' 5 snin* (minflok perijodu ta' żmien bla limitu, jew għal 10 snin kif kienet f'verżjoni preċedenti tat-test; ara l-paragrafu 6).

Il-Presidenza biddlet xi ffit l-**Artikolu 27a dwar miżuri transitorji**, billi huwa ssuġġerit li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perijodu itwal ta' transizzjoni, sa massimu ta' 15-il sena, għal *terminals self-service*, meta mqabbel ma' *prodotti oħra li jintużaw fl-għoti ta' servizzi* (li għalihom il-perjodu huwa ta' 5 snin).

Barra minn hekk, il-Presidenza rfinat diversi aspetti tat-test fid-dawl tal-aħħar diskussjoni u tal-kummenti li waslu bil-miktub. It-test sħiħ, inkluż l-aħħar bidliet issuġġeriti mill-Presidenza, jinsab fid-dok. 9483/17 ADD 1.

IV. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Wara ħidma intensiva, inkiseb progress tanġibbli matul il-Presidenza Maltija. Il-Grupp ta' Ħidma ddiskuta l-partijiet kollha tat-test, u eżamina mill-ġdid ħafna dettalji tekniċi kif kien meħtieġ.

Madankollu, għadd ta' Stati Membri għad iridu jlestu l-pożizzjoni tagħhom dwar dan il-fajl, jew fuq partijiet speċifiċi ta' dan it-test kumpless. B'mod partikolari, id-dettalji tekniċi jeħtieġu aktar analiżi. Xi delegazzjonijiet jixtiequ wkoll li jwettqu l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom qabel jiddeċiedu dwar l-approċċ tagħhom għall-fajl.

Billi l-aspetti kollha tal-fajl ġew eżaminati mill-korpi preparatorji tal-Kunsill, il-Presidenza li jmiss tinsab f'pożizzjoni tajba biex tkompli l-ħidma dwar il-fajl.

Il-Presidenza tqis li l-eżitu tal-ħidma tagħha huwa pass sostanzjali lejn pożizzjoni tal-Kunsill dwar id-Direttiva. Matul is-semestru li jmiss, il-korpi preparatorji tal-Kunsill ser jissoktaw bid-diskussjonijiet, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar pożizzjoni tal-Kunsill u jinbdew in-negozjati mal-Parlament Ewropew.